**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**Rikors nru: 432/2020 AGV ;**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 29 ta' Dicembru 2020, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi hija zzewget lil-intimat AB fis- 16 ta' Ottubru 2010 fil-Knisja tal-Vittorja Hal-Qormi, u z-zwieg ta' dil-koppja gie registrat fir-registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2124/2010 (certifkat taz-zwieg anness Dok. A);

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komujnoni tal-akkwisti bejniethom u effetwtat is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-nutar Dr. Henry Darmanin fid- 9 ta' Jannar 2015 (Dok B);
3. Illi l-partijiet kellhom zewgt ulied, D li twiedlet fit-13 ta' Novembru 2012 u E li twieled fit-18 ta' April 2005;
4. Illi ghaddew aktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemmx ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant , ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara liz-zwieg taghha minn ma' CB hu mahlul u l-partijiet huma divozjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u biex jordna li fiz-zmien imholli ghal daqshekk javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti** rat li fis-seduta tas- 16 ta' Frar 2021 il-konvenut mhux qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |